MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 653/2007

**Eden Entertainment Limited (C 26701)**

**Vs**

**Gourmet Foods Limited (C 34872)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta` Awissu, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erba` mija, wiehed u sebghin lira, hmistax il-centezmu (Lm471.15), rapprezentanti valur ta` servizzi ta` reklamar rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq Bay Radio.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra datata 4 ta` Gunju, 2007, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ahhar invoice 15 ta` Jannar, 2007, kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni ta` rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikati legalment l-istess rapprezentanti naqsu u ma deherux la fis-seduta tat-12 ta` Ottubru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Lm471.15, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-15 ta` Jannar, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------